**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ IL-MITHNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa Tal-Lokalita Mal-Pubbliku

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa tal-Lokalita Numru 02

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 09 ta' Diċembru 2024

Din il-laqgħa saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali fi 36, Videnza, Triq il-Mitħna, Ħal Lija fis-6.30 ta' filgħaxija.

### MEMBRI TAL-KUNSILL PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija

### ASSENTI:

Ma kien l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL TAL-KUNSILL PREŻENTI:

Dorianne Bonnici Bondin – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 2.1 Introduzzjoni mis-Sindku

2.1.1 Is-Sindku spjega kif din il-laqgħa qed tinżamm skond kif stipulat fl-Att dwar il-Gvern Lokali fejn dan l-att jgħid li f'Diċembru trid issir laqgħa mal-pubbliku biex jiġu ppreżentati l-estimi finanzjarji għas-sena 2025.

2.1.2 Is-Sur Dalli spjega kif din il-laqgħa ser tkun maqsuma fi żewġ taqsimiet. Fl-ewwel parti tal-laqgħa huwa ser jagħti deskrizzjoni żgħira tal-estimi finanzjarji li qed jiprepara l-kunsill għas-sena 2025, abbażi tal-allokazzjoni ntitolata lil Kunsill Lokali li bejn wieħed u ieħor ser tkun bħall-allokazzjoni tas-sena ta' qabel. Fit-tieni parti tal-laqgħa huwa qal li ser ikun qed jisma s-suġġerimenti tar-residenti nkonnesjoni ma' dawn l-estimi u anke qal li ser jagħti ċans lir-residenti jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u jwieġeb għalihom.

### 2.2 Qari tal-Minuti ta' l-aħħar laqgħa tal-Lokalita'

2.2.1 Inqraw u ġew spejagti l-minuti ta' l-aħħar laqgħa tal -Lokalita' li nżammet l-Erbgħa 03 t' April 2024.

### 2.3 Estimi Finanzjarji 2025

2.3.1 Is-Sindku tkellem dwar id-dħul u l-ħruġ li kellna s-sena l-oħra fejn informa lir-residenti li bejn wieħed u ieħor għas-sena 2025 ser ikun simili ħafna. Id-dħul li qed jiġi pproġettat li ser ikollu l-Kunsill Lokali għas-sena 2025, ħafna minnu ġej mill-allokazzjoni mgħottija lill-Kunsill mill-Gvern Lokali li bejn wieħed u ieħor t'ammonta għall-€360,000. Is-Sur Dalli spjega ukoll kif il-Kunsill Lokali jkollu dħul ukoll mill-permessi, mill-bye-laws tal-Kunsill Lokali u commissions li nirċievu ukoll mill-LESA fuq ċitazzjonijiet li bejn wieħed u ieħor jammontaw għal €30.00. Hu kompla jispjega ukoll li l-Kunsill Lokali ikollu dħul ukoll mill-iskemi li joħorġu mid-Dipartiment tal-Gven Lokali u xi drabi anke mir-Reġjun Lvant. Huwa kompla jispjega li dawn il-fondi huma importanti ħafna għaliex bihom nkunu nistgħu nagħmlu proġetti ta' ċertu importanza u attivitajiet bħal tal-Festival taċ-Ċitru u Christmas Market li dalwaqt ser jitella'.

2.3.2 Wara s-Sindku ta spjegazzjoni tad-dħul li bejn wieħed u ieħor jammonta għall-€400,000 li ser ikollu l-Kunsill fis-sena 2025, huwa kompla jgħid li minn dawn il-fondi l-Kunsill Lokali għandu proġettat li n-nefqa tikkonsisti minn €130,000 għas-salarji u allowances, €222,000 biex il-kunsill ikun jista jopera, jagħti ċertu servizzi u jagħmel diversi manutenzzjoni fir-raħal, €53,000 spejjeż amministrattivi u €8,000 spejjeż ġenerali oħrajn. Is-Sur Dalli spjega kif minn din l-evalwazzjoni, tad-dħul u n-nefqa li ser ikollu l-kunsill, wieħed jinduna li ser ikun hemm riżultat ta' deficit bl-ammont ta' €26,000.

2.3.3 Minkejja dan ir-riżultat ta' deficit, is-Sur Dalli qal li liġi tal-Kunsill Lokali tgħid li meta l-Kunsill Lokali jkollu l-flus imwarba mhux qiegħed jikser il-liġi biex jieħu minnhom fejn bħalissa l-Kunsill Lokali għandu €300,000 l-bank. Hu spjega li fil-passat meta daħal fil-Kunsill kien hawn late payments ta' xi €50,000 fejn il-Kunsill Lokali preżenti illum mhux talli ħallasnihom talli ġemajna xi flus kif spejga qabel għal li jinqala'. Is-Sindku spjega li kif jidher din is-sena mhux ser inkunu minn taħt għaliex ħafna mill-proġetti ġew iffinazzjati mill-Gvern u l-iskemi li l-Kunsill applika għalihom. Hu kompla jispjega li din is-sena jista' jkun li ser ikollna xi surplus żgħir. Is-Sindku spjega li dan huwa bejn wieħed u ieħor x'qed naħsbu li ser nagħmlu li ser ikun simili ħafna tas-sena ta' qabel għaliex jekk ma jkollniex aktar dħul mid-Dipartiment ovvjament ma nkunux nistgħu nofqu aktar. Li jista' jsir kif dejjem għamilna napplikaw għall-iskemi biex inġibu aktar fondi biex il-Kunsill ikun jista' jkompli jagħmel aktar proġetti għar-raħal tagħna.

## 2.4 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

2.4.1 <u>Servizz ta' trasport għall-anzjani</u>

Ir-Resident li kien preżenti f'din il-laqgħa xtaq jissuġerixxi lill-Kunsill ikollu trasport għall-anzjani għal-isptarijiet, ċentri tas-saħħa u appuntamenti mediċi fejn min ma jkollux min iwasslu jew biex imur il-Kunsill Lokali joffrilu dan.

2.4.2 Hawnhekk is-Sindku spjega lil dan ir-residenti li l-Kunsill Lokali diġa għandu dan is-servizz, fejn kien applika biex jixtri van ta' l-elettriku mill-iskema li kienet inħareġ u din ġiet aċċetata u llum għandna dan il-van fejn nagħtu servizz eċċellenti lir-residenti tagħna u li miexi tajjeb ħafna.

2.4.3 <u>Suġġeriment dwar l-ismijiet ġodda tat-toroq</u>

Resident ieħor li kien preżenti f'din il-laqgħa xtaq iressaq punt dwar meta kienu mbidlu l-ismijiet tat-toroq fi Triq Preziosi. Hu ħass li r-residenti kellhom jiġu konsultati dwar dan it-tibdil u kif minn sqaq saret triq u kif ukoll inbidel l-isem u ma baqax inkonessjoni ma' l-istorja ta' l-akwata.

2.4.4 Hawnhekk is-Sindku spjega li bħala Kunsill Lokali ġejjna mitluba biex isiru dawn it-tibdiliet mingħand l-Street Naming Committee għaliex kien hemm ħafna lmenti dwar it-tqassim tal-posta ta' dik l-area fejn qallulna li dik l-area trid tinbidel. Is-Sindku kompla jispjega li jekk il-Kunsill Lokali ma jieħux azzjoni dan il-kumitat jaqbad u jibdel l-ismijiet huwa stess. Il-ligi tgħid li għandu jiġi konsultat il-Kunsill li filfatt hekk sar u bħala Kunsill kien b'xieraq li nagħżlu l-ismijiet aħna skond in-nies li huma sinonimi ma' Ħal Lija. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill seta' jikkonsulta aktar mar-residenti ta' dawk l-akwati dwar dan pero din ridet isir għaliex kien hemm ħafna problemi ta'posta.

2.4.5 <u>Sinjali ta' double yellow lines fi Triq Mons. Joseph Fenech</u>

L-istess resident xtaq jistaqsi ukoll kif konna bqajna dwar il-linji sofor quddiem il-garaxx tiegħu fi Triq Mons. Jospeh Fenech. Hu qal li dawn il-linji reġaw ħarġu wara li fil-passat kienu tneħħew biex hu jkun jista' jipparkja quddiem il-garaxx tiegħu. Hu kompla jispjega li meta qiegħed jagħmel dan qiegħed iħalli spazju vojt għall-vetturi l-oħra biex jipparkjaw fi spazji tal-parkeġġ, fejn kulħadd jaf li hemm nuqqas kbir ta' dawn.

2.4.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill għamel kif kien qallu Transport Malta u stieden li dan ir-resident il-Kunsill biex jitkellem miegħu dwar x'kien approvat u biex tinsab soluzzjoni.

## Tmiem

Is-Sindku rringrazzja lil-Kunsilliera u lil min kien preżenti għal din il-laqgħa. Is-Sur Dalli u l-Kunsilliera preżenti awguraw il-Milied it-tajjeb u sena ġdida lir-residenti kollha ta' Ħal Lija.

Il-laqgħa ntemmet fi 7:07PM.

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| Anthony Dalli<br>Sindku | Dorianne Bonnici Bondin<br>Segretarju Eżekuttiv |